FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL

15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483

Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

5 ta' Frar 2014

**Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar il-Erbgha 5 ta' Frar 2014 fis-7.00pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.

L-attendenza kienet ta' 3 persuni.

**Bidu tal-laqgha:**

Is-Sindku fetah il-laqgha billi spjega l-iskop ta' din il-laqgha li huwa li l-Kunsill jaghti rendikont lir-residenti dwar x'sar fil-lokalita' fis-sena precedenti filwaqt li jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti u kif tkun ser tigi riflessa fl-estimi annwali. Is-Sindku qal li wara, ir-residenti jkunu jistghu iressqu xi suggerimenti jew ilmenti li jkollhom sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Matthew Paris, lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, lill-Kunsillier Vincent Borg u lill-Kunsillier Edward Torpiano sabiex jaghtu rendikont tal-hidma taghhom matul din l-ahhar sena.

## 1.0 IL-VICI-SINDKU MATTHEW PARIS

Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi rringrazzja lil dawk li attendew u kompla billi esprima x-xewqa li jfakkar il-memorja tal-eks Kunsillier Anthony Brincat li s-sena l-ohra kien prezenti ghal din il-laqgha.

### Floriana Business Community

Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi ghamel riferenza ghall-**Floriana Business Community** u qal li bhalissa, kien ghaddej il-process sabiex tinzamm l-ewwel laqgha annwali generali. Il-Vici Sindku kompla billi qal li kienet inhasset il-htiega li tigi krejata il-Floriana Business Committee minhabba li l-lokalita' ghandha fiha ammont kbir ta' negozji u attivita' kummercjali. Il-Vici Sindku qal li sfortunatament sa dakinhar ma kienx ghad hemm partecipazzjoni kbira izda jittama li fil-futur, il-partecipazzjoni tikber.

### Proposta ghal tnaqqis fir-rati ta' interessi

Il-Vici Sindku qal ukoll li kien hadem fuq proposta li tressqet lill-Gvern Centrali fil-pre budget. Din il-proposta kienet titlob li jkun **hemm tnaqqis fir-rati ta' interessi fix-xiri tal-ewwel proprjeta' fil-Floriana** u dan minhabba l-problema ta' hafna proprjetajiet vakanti fil-lokalita'. Il-Vici Sindku qal li minkejja li din il-proposta ma kinietx giet accettata, hu jhoss li din ghandha terga' titressaq fil-budget li jmiss u ghandu jiddiskuti mal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir proposta simili lill-banek lokali biex ikun ridott il-persentagg tar-rati meta wiehed jixtri fil-lokalita'.

### Hall of Fame fuq il-Fosos

Il-Vici Sindku Matthew Paris semma wkoll il-progett tal-**Hall of Fame fuq il-Fosos**. Huwa qal li l-Fosos ilu snin twal jigi utilizzat ghal attivitajiet varji u laqa' fuqu personaggi importanti. Huwa qal li ghalhekk kienet qamet l-idea li jintaghzlu hmistax-il attivita' jew performers kbar li kienu sehhew jew hadu sehem fuq il-Fosos u li jigu proposti lir-residenti biex minnhom jintaghzlu ghaxra. Il-Vici Sindku kompla billi qal li l-evaluation committee kien ser ikun immexxi mis-Sur Ray Debono Roberts dejjem wara li tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill.

### Websajt tal-Kunsill

Il-Vici Sindku semma wkoll it-tnedija tal-**websajt-il gdida tal-Kunsill** Lokali Floriana u qal li hu kien mexa fuq il-passi tal-Kunsillier ta' qablu biex tigi krejata websajt li tkun iktar interattiva u li minnha wiehed ikun jista' jaghmel uzu minn xi servizzi. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-websajt kienet qed tintuza b'mod konsiderevoli u qal li din kienet ghodda importanti ghall-komunikazzjoni.

## Attivitajiet tal-massa li jsiru fuq il-Fosos

Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-**attivitajiet tal-massa li jsiru fuq il-Fosos** u semma li nhar l-ewwel ts-sena kien gie kkuntattjat minn gurnalist kien talab il-kummenti tieghu dwar l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena fi Triq Sant'Anna. Huwa kompla billi qal li l-kummenti tieghu kienu ttiehdu barra mill-kuntest u dwar dan kien diga spjega diversi drabi. Il-Vici Sinku kompla billi qal li dak li hu kien prova jghid dakinhar kien li l-uzu tal-Floriana ma setax ikun limitat ghall-bzonnijiet tal-entitajiet li juzawh u li jippretendi li min jaghmel uzu mill-Fosos jew mil-lokalita' ghandu jhalli l-post kif sabu. Huwa semma wkoll il-kampanja elettorali li matulha gew organizzati diversi mass meetings fuq il-Fosos u qal li ghalhekk huwa tajjeb li wiehed ikompli jressaq il-hsibijiet tal-lokal dejjem ghall-gid tar-residenti.

## Parkegg alternattiv lir-residenti

Il-Vici Sindku kompla billi qal li l-Kunsill kien hareg bl-idea li matul dawn l-attivitajiet tal-massa, jigi pprovdut **parkegg alternattiv lir-residenti**. Huwa qal li principalment din l-idea kienet bdiet fi zmien il-Ministru Pullicino fejn iz-zona tax-Xaghra kienet bdiet tintuza bhala parkegg ghar-residenti. Huwa kompla billi qal li din l-idea kienet wahda innovattiva u li kienet intlaqghet tajjeb miz-zewg partiti u anke implimentata matul l-Isle of MTV.

## Twahhil ta' bollards fi Triq il-Miratur u toroq ohra

Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghall-**twahhil ta' bollards** li kien sar fi Triq il-Miratur u toroq ohra sabiex jinbidlu l-bollards ezistenti. Huwa kompla billi qal li dan it-twahhil kien qajjem kontroversja minkejja li kien qed isir xoghol simili f'lokalitajiet ohra. Minkejja dan, il-Kunsill kien ghaddej bil-process li jikseb il-permessi necessarji kollha sabiex ir-residenti jkunu jistghu jibbenefikaw minhabba li hafna vetturi kienu qeghdin jipparkjaw fuq il-bankini u quddiem il-bibien tar-residenti.

## Bye law li tirregola z-zamma tal-faccati

Il-Vici Sindku ghamel riferenza wkoll ghall-**bye law dwar il-faccati tal-proprjetajiet fil-lokalita'**. Huwa qal li flimkien mal-Kunsill Lokali Belt Valletta, kienu qed jahdmu sabiex tigi approvata bye law li tirregola t-tindif u z-zamma tal-faccati ta' proprjetajiet. Il-Vici Sindku qal li appena jkun hemm approvazzjoni miz-zewg kunsilli, din il-bye law tkun tista' titressaq quddiem il-Ministru biex tigi approvata ufficjalment.

## Skema koordinaturi tat-triq

Il-Vici Sindku Matthew Paris semma il-progett ta' **koordinaturi tat-triq** li fih kienu ppartecipaw ghaxar residenti. Il-Vici Sindku qal li minn dan il-progett kien hareg hafna pozittiv minhabba li l-komunikazzjoni bejn il-Kunsill u t-triq kienet kibret. Huwa qal ukoll li n-necessitajiet minn triq ghal triq ivarjaw u ghalhekk il-koordinatur jghdin sabiex il-Kunsill ikun jista' jifhem iktar in-necessitajiet u jindirizza l-problemi ta' kull triq partikolari.

Huwa kompla billi qal li whud mill-ideat li hargu minn dan il-progett kienu gew indirizzati bhalma sar fi **Triq il-Kapuccini** fejn ir-residenti kienu jilmentaw ta' spiss dwar iz-zliq tal-bankini meta taghmel ix-xita. Il-Vici Sindku qal li ghalhekk il-Kunsill kien iddecieda li jsir *brushing* fuq il-bankini ta din it-tirq, minflok il-*bush hammering* li kien isir precedentement. Huwa kompla billi qal li l-hmieg kien ser jigi mnaddaf bl-actu Il-Vici Sindku kompla billi qal li jittama li jiba' jkun hemm rizultat posittiv minn dan il-progett sabiex jibqa' jsir progress fil-lokalita' u jibqghu jigu indirizzati problemi simili ghall-gid tar-residenti.

**Proposta: Heavy vehicles minn Triq il-Kapuccini**

Il-Vici Sindku qal ukoll li kienu saru numru ta' laqghat pubblici fejn matulhom kienu komplew jitressqu diversi ilmenti. Wiehed minnhom kien dwar l-ammont ta' ***heavy vehicles*** **li jghaddu minn Triq il-Kapuccini**. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien iddecieda li jressaq proposta lil Transport Malta sabiex ma jkunx hemm iktar access ghall-heavy vehicles fi Triq il-Kapuccini. Huwa qal li wara li tressqet din il-proposta, kien intalab li l-Kunsill jipprovdi studju tat-traffiku li jghaddi minn din it-triq. Il-Vici Sindku qal li dan ir-rapport kien sar u issa tressaq lill-Transport Malta ghalkemm kien ghad m'hemm l-ebda risposta.

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma setax ma jitkellimx fuq il-problema finanzjarja tal-Kunsill Lokali Floriana kif ukoll tal-kunsilli kollha ta' Malta. Huwa qal li minhabba f'hekk, il-Kunsill ma kellux il-possibilita' li jaghmel progetti infrastrutturali minhabb li l-flus kienu limitatissimi. Huwa qal li minkejja dan il-Kunsill kien qed jipprova jfittex mezzi ohra ghall-fondi ulterjuri minn dik li jaghti l-Gvern bhall-iSkema li nharget is-sena l-ohra ghal tisbih fiz-zoni fejn hemm bini tal-Housing. Huwa qal li l-Kunsill kien applika ghal din l-iskema izda kien ghad m'hemmx risposta. Huwa qal li hu jispera li finalment, l-Awtorita' tad-Djar tisma' t-talbiet tal-Kunsill u li ikunu approvati dawn il-flus biex ikunu jistghu jitwettqu l-progetti proposti.

Il-Vici Sindku qal li hu xtaq jaghlaq billi jishaq il-bzonn li ghandu l-Kunsill biex jaghmel bidla fil-prioritajiet tieghu ghax jemmen li l-flus li jifdal mill-allokazzjoni ghandhom jigu investiti b'mod ahjar. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ghandu jimmassimizza l-fondi u jhoss li ghalkemm l-attivitajiet huma importanti, il-Kunsill ghandu jinvesti fl-attivitajiet mal-mument li l-lokalita' tigi rijabilitata.

**2.0 IL-KUNSILLIERA DAVINA SAMMUT HILI**

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni u bdiet issemmi dak li sar min-naha taghha matul is-sena li ghaddiet.

**Utilitajiet u servizzi**

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ta' kuljum tiehu hsieb li l-fanali u l-bozoz kollha tal-lokalita' ikunu mixghulin kollha u kif suppost. Hija kompliet billi qalet li l-hsarat mhux dejjem ikunu responsabbilta' tal-Kunsill u li hafna mill-hsarat ikunu kkawzati minhabba x-xita peress li s-sistema elettrika tal-lokalita' kienet wahda antika.

Il-Kunsilliera kompliet billi qalet li l-Kunsill kellu l-hsieb li jkompli jwahhal l-arbli ornamentali fil-Housing Estate t'isfel izda dawn kellhom jigu posposti minhabba n-nuqqas ta' finanzi.

Il-Kunsilliera Sammut Hili kompliet billi qalet li hi issegwi diversi kazijiet li jikkoncernaw il-Water Services u tinsisti li jsiru x-xogholijiet mehtiega.

Hija semmiet ukoll ir-rampa li hemm fi Triq Sant'Anna u l-bzonn kbir biex din tersaq lejn in-nofs. Il-Kunsillieta qalet li hi kienet diga tekllmet mal-persuni ikkoncernati biex dan ix-xoghol isir.

Hija qalet ukoll li tahdem kontinwament biex tressaq l-opinjonijiet u s-suggerimenti tar-residenti kemm f'dak li jinkludi servizzi kif ukoll l-utilitajiet.

Il-Kunsilliera semmiet ukoll li kien inbeda' l-process biex jigi installat iktar dawl fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq Sant'Anna.

## Qasam tan-Nisa

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ta' kull xahar torganizza harga ghan-nisa. Qalet ukoll li ta' kull sena, torganizza harga ghal Ghawdex fix-xahar t'Awwissu. Il-Kunsilliera kompliet billi qalet li mill-biljetti li jinqatghu ghal dawn il-hargiet, parti minnhom tmur ghal xi wahda mill-ghaqdiet tal-lokalita'.

Il-Kunsilliera kompliet billi qalet li matul ix-xahar t'Ottubru kienet organizzat attivita' flimkien mal-Europa Donna sabiex titqajjem iktar edukazzjoni dwar il-kancer tas-sider. Qalet li din l-attivita' kienet wahda ta' success u li matulha kienet ingabret somma sabiha ghal din l-ghaqda.

## Edukazzjoni u Sports

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi tiehu sehem b'mod attiv fl-attivitajiet li torganizza l-iSkola Primarja bhal prize day u l-isports day. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien ghazel grupp ta' studenti li jattendu l-iSkola Primarja sabiex ikantaw xi Christmas Carols fit-toroq fi zmien il-Milied. Hija qalet ukoll li kienet hadet hsieb li jitqassam il-ktieb tezor lill-istudenti tal-ewwel sena u dan biex it-tfal ikunu mheggin ihobbu l-qari u l-ktieb.

Il-Kunsilliera qalet ukoll li hi zzomm kuntatt kontinwu mas-Surmast tal-iSkola Primarja fejn ta' sikwit tressaq is-suggerimenti tieghu lill-Kunsill. Hija qalet li dan il-kuntatt jghin il-komunikazzjoni li hemm bejn il-Kunsill u l-iSkola Primarja u anke biex iz-zewg entitajiet ikunu dejjem iktar vicin ta' xulxin.

Il-Kunsilliera semmiet ukoll il-korsijiet tal-computer li jsiru matul is-sena u qalet li din is-sena wkoll kienu gew organnizati il-korsijiet tal-adulti kif ukoll tat-tfal.

Il-Kunsilliera Sammut Hili semmiet ukoll it-tournament li kienet organizzat ghat-tfal li matulu kienu ngabru xi donazzjonijiet li ghall-Puttinu Cares. Hija qalet li ghal darb'ohra il-Kunsill kien gie nominat ghall-MOC Sports Awards izda sfortunatament ma kellux il-placing tas-snin ta' qabel minhabba l-problemi finanzjarji ma kienux jippermettu li jigu organizzati hafna attivitajiet.

Hija kompliet billi qalet li minkejja kollox il-Kunsill kien ghen sabiex jippartecipa fl-iSports DAy tal-iSkola Primarja. Qalet ukoll li l-Kunsill baqa' dejjem vicin tal-Akkademja ta' Justin Haber u li l-Kunsill qed jibbenefika hafna minn din il-private public partnership fejn s'issa hemm erbat itfal li jibbenefikaw mill-iscolarship moghtija minn din l-akkademja.

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili temmet id-diskors taghha billi qalet li ta' kull sena, il-Kunsill jaffaccja diversi problemi izda ta' kull sena, dejjem hadem flimkien u gibed habel wiehed ghall-gid tar-residenti u biex il-lokalita' tal-Floriana tkun tista' dejjem tibbenefika.

## 3.0 IL-KUNSILLIER VINCENT BORG

Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li kienet regghet ghaddiet sena u ghalhekk kien ser jerga' jressaq ir-rapport ta' hidma tieghu. Huwa qal li din is-sena kienet saret bidla fil-Gvern u ghaldaqstant kienet saret ukoll bidla fil-ministeri.

## Xogholijiet

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din is-sena, hu kien ressaq proposta lill-Kunsill sabiex ikun impjegat haddiem full time u b'hekk jigu ffrankati aktar flus min fuq il-kuntratti. Huwa qal li l-Kunsill kien laqa' t-talba u wara process ta' ghazla kien intaghzel is-Sur Alfio Sciberras ghal din il-kariga.

Il-Kunsillier Borg semma wkoll ix-xoghol li tkompla fuq il-bankini ta' Triq l-Iljun. Huwa qal li issa jmiss li jsir ix-xoghol fi Triq il-Konservatorju kemm billi jinghata l-porfido kif ukoll billi jitwahhlu l-bollards. Il-Kunsillier semma li l-bollards kienu ser jigu mmanifatturati mill-haddiema tal-Kunsill stess sabiex jigu ffrankati l-flus.

Il-Kunsillier kompla billi qal li kienu saru numru kbir ta' tiswijiet fuq il-bankini kif ukoll tiswijiet ta' hofor fit-toroq permeszz ta' cold tarmac. Huwa qal ukoll li kienet tlestiet Triq l-Argotti li issa kienet giet asfaltata. Il-Kunsillier qal li waqt li kien qeighed isir dan ix-xoghol kienu inkixfu zewg culverts li jinsabu fi Pjazza San Kalcidonju kantuniera ma' Triq l-Argotti u li dawn kienu gew mghottija meta giet asfaltata Pjazza San Kalcidonju.

Il-Kunsillier Borg qal li l-Kunsill kien qabel ukoll li jitwahhlu bollards f'dawn it-toroq: Triq il-Konservatorju, Triq il-Miratur, Triq is-Suq, Triq l-Imhazen u Pjazza Papa Gwanni XXIII sabiex il-vetturi ma jkunux jistghu jipparkjaw iktar fuq il-bankini.

Il-Kunsillier kompla billi qal li ghandu ukoll jigi rrangat il-passagg li hemn fuq il-Fosos ta' Pjazza Robert Samut sabiex dan ma jibqa ikun ta' xkiel ghal dawk kollha li jghaddu minn hemm biex imorru fi Triq il-Kapuccini.

Il-Kunsillier qal ukoll li kien sar brushing fi Triq il-Kapuccini kif ukoll tindif bl-actu. Huwa qal li l-Kunsill kien qed jippjana li jsir l-istess tindif fi Triq San Frangisk.

Il-Kunsillier qal ukoll li kien hareg il-permess ta bini ta Monument tal-Ferrovija. Fuq din il-materja il Kunsill kien qied jiddiskutu biex jesplora sorsi ta fondi sabiex ikun jista isir dan il-progett

## Gonna u soft areas

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien sar hafna investiment fil-gonna grazzi ghall-progett ta' GARDMED. Huwa qal li kienu saru toilets godda fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn kienu twahhlu flushings gol-hajt sabiex jigi evitat it-tpoggija ta' siringi fihom bhalma kien isir fit-toilets ta' qabel. Huwa qal li kienu twahhlu wkoll numru ta' bankijiet u mwejjed fi Gnien Preziosi ghall-kumdita' tak-komunita`.

Il-Kunsillier Borg qal ukoll li kienu gew installati pannelli fotovoltajici fuq il-bejt tal-latrini tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kif ukoll gew mizrugha aktar minn hames mitt xitla f'dan il-gnien u fi Gnien Sir Luigi Preziosi.

Il-Kunsillier Borg qal li xorta ghad hemm nies irresponsabbli li ma jigbrux minn wara l-klieb taghhom kif ukoll ihallu l-klieb ihammgu fil-hamrija minghajr ma jikkunsidraw il-hsara kollha li dan jaghmel lix-xtieli li jkunu gew mizrugha.

Il-Kunsillier qal ukoll li fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kif ukoll fi Gnien Preziosi issir zabra regolari tas-sigar. Huwa qal li saret ukoll zabra tas-sigar fi Pjazza ES Tonna u sar tindif tal-haxix hazin fl-area tal-Housing Estate.

Huwa semma wkoll iz-zewg sigar li tnehhew minn Pjazza Sir Luigi Preziosi u li kienu ta' periklu minhabba li kienu qeghdin f'nofs ta' triq.

## Gwardjani lokali u z-zamma tal-ordni

Il-Kunsillier Borg qal li jispera li l-emenda fil-ligi li tirregola l-gwardjani lokali tkun aktar ta' fejda minhabba li l-Kunsill m'huwiex kuntent bis-servizz moghti lilu mill-gwardjani lokali. Huwa qal li l-gwardjani saru jibzghu jaghmlu dmirhom li jharsu lic-cittadin . Il-Kunsillier Borg kompla billi qal li permezz tas-sottokumitat relevanti li jaqa' taht ir-responsabbilta' tieghu, kienu saru numru ta' laqghat kemm mad-dirigenti tal-wardens kif ukoll ma' l-Autorised Officer. Huwa qal li kienu saru wkoll laqghat mal-Pulizija tad-distrett. Il-Kunsillier qal li dawn il-laqghat hallew il-frott u minn hemm jiehu l-opportunita' sabiex jappella lir-residenti jirraportaw kull att vandalu li jinnutaw. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Pulizija kienu qed jghinu wkoll billi jirraportaw meta l-bibien tal-gonna jkunu thallew miftuhin fil-hin li suppost ikunu inghalqu. Huwa kompla billi semma l-membri kollha li jaghmlu parti mis-sottokumitat li huma: Joseph Gauci bhala Chairperson, Vincent Borg bhala Segretarju u Joseph Debattista.

## Parking u Traffiku

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-parkegg fil-lokalita' tibqa' problema kbira. Huwa qal li l-Kunsill kien ghaddej minn stadju fejn ser inehhi l-parkeggi riservati kollha tal-entitajiet li ma kienux intitolati ghalihom skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

Huwa kompla billi qal li l-haddiema manwali tal-Kunsill jaghmlu manutenzjoni regolari fuq l-ispazji ta' parkegg kif ukoll billi jaghmlu z-zebgha tal-linji, ecc.

Huwa qal ukoll li hu kien ha hsieb li jipproponi li tigi rrangati it-traffic island li hemm fi Triq Nazzjonali int u ddur ghall-Pjazza ES Tonna minhabba li din kienet qed tikkawza problema kif ukoll diversi incidenti u hekk it-traffiku jista' jdur ahjar.

Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll il-proposta li tressqet sabiex ikun jista' jsir stage ta' tal-linja fi Triq San Frangisk.

## Anzjani

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien propona lill-Kunsill sabiex jinnomina lil Dun Guzepp Borg Micallef ghall-Premju Nazzaren Vassallo ghall-Anzjan tas-Sena.

Huwa qal ukoll li kien ressaq proposta lill-Kunsill u li kienet giet accettata sabiex jigi mistieden is-Segretarju Parlamentari Dr Franco Mercieca biex jiltaqa' mal-anzjani tal-lokalita'.

## 4.0 IL-KUNSILLIER EDWARD TORPIANO

Il-Kunsillier Edward Torpiano fetah billi qal li kien ser jitkellem fuq dak li sar minnu matul din is-sena.

## Mepa u Housing

Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu kien qed izomm kuntatt mac-Chairman il-gdid tal-**MEPA**. Huwa qal li kienet saret laqgha pubblika li ghaliha kien attenda u kien ghamel intervent qasir dwar il-bzonn li tittiehed azzjoni dwar il-proprjetajiet vakanti li hemm fil-lokalita'. Huwa kompla biilli qal li l-popolazzjoni residenzjali tal-lokalita' kienet naqqset, u ghalhekk kiber l-ammont ta' proprjetajiet vakanti. Huwa kompla billi qal li kien gie ssuggeriet li jinbnew blokki godda tal-Housing fejn hemm art vojta u anke biex il-Librerija Pubblika tigi rilokati fil-Belt Valletta.

Il-Kunsillier Edward Torpiano semma wkoll il-kwistjoni tal-ufficini li nghataw permessi joperaw u qal li l-problema kienet inholqot minhabba li l-MEPA ma kinietx tobbliga lill-kumpaniji jipprovdu parkegg lill-impjegati taghhom u ghalhekk din il-problema baqghet tigi aggravata.

Huwa semma wkoll l-involviment tieghu f'**Jum il-Housing** li kienet giet imtella' mill-Kunsill fis-16 ta' Jannar 2014.

Huwa kompla billi qal li kien ressaq ilment f'isem resident lill-entita' kkoncernata rigward iz-zamma ta' ilma fuq il-bjut ta' proprjetajiet privati. Huwa qal li kien diga sar xi xoghol izda kien ghad fadal x'isir.

## Gemellaggi

Huwa semma iz-zjara tad-**delegazzjoni minn Kercem** gewwa l-Floriana f'Ottubru li ghadda fejn hu kien ghen jikkoordina l-programm li kien jinkludi wkoll zjara lill-President George Abela.

## Attivitajiet

Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu kien ha sehem fl-implimentazzjoni tal-attivita' **Genna ta' Gonna... u hafna aktar!** fejn kien sodisfatt bin-numru ta' nies li attendew.

Huwa kompla billi ghamel riferenza ghall-**attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena** u qal li jhoss li din ghandha tibqa' ssir minhabba li l-attivita' ta' kull sena jkollha hafna x'toffri.

Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu kien ghen sabiex tigi organizzata l-**Car Free Day** li kienet attivita' ta' success fejn anke gew mibjugha hafna pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsillier qal ukoll li kienet giet organizzata s-**Serata Muzikoletterarja** fi Gnien Vilhena ghall-ewwel darba b'mod kongunt mal-Ghaqda Poeti Maltin. Qal li din l-attivita' kienet wahda ta' success u li ghandu jerga' jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex terga' tittella' serata ohra ta' muzikoletterarja.

Il-Kunsillier Edward Torpiano qal ukoll li kien gie avvicinat minn persuna li ghandha **ritratti godda u xi tracks** li kienu intuzati fl-antik mill-ferrovija. Huwa qal li hu kien ser jipproponi li ssir **esebizzjoni** fid-Dar tal-Kunsill Lokali Floriana sabiex din il-memorabilia tkun tista' titgawda mill-pubbliku.

Il-Kunsillier semma wkoll il-**Florianafest** fejn qal li hu kien avvicina lill-Arcipriet u lill-Stephen Tonna fejn offra li jorganizzaha hu jekk jinstabu l-fondi necessarji.

## 5.0 IS-SINDKU NIGEL HOLLAND

Is-Sindku fetah billi qal li l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsill kienet ta' madwar €322,000 li kienet marginalment inqas minn dik tas-sena l-ohra. Minkejja dan il-Kunsill kien qed jippjana li jdahhal €26,000 minn skemi governattivi kif ukoll li jkollu xi dhul minn citazzjonijiet, permessi, sponsorships u xi fondi ohra dovuti mill-progett GARDMED.

Is-Sindku qal ukoll li huwa anticipat li jkun hemm zieda fl-infiq tas-salarji minhabba increments kif ukoll is-salarju tal-impjegat il-gdid tal-haddiem manwali tal-Kunsill.

Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill kien qed ikompli jahdem sabiex jirrevedi l-ispizi rikorrenti sabiex inaqqas l-ispejjez. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien qed jikkunsidra b'mod individwali l-attivitajiet principali mtellghin mill-Kunsill.

Is-Sindku semma wkoll il-progetti li hemm progettati ghas-sena d-diehla li huma dawn:

- Sistema ta' live streaming tal-laqgha tal-Kunsill
- Tkomplija ta' xoghol fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill
- Twahhil ta' bollards godda fi Triq il-Konservatorju
- Pavimentar f'Balzunetta

- Twahhil ta' bookbox fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
- Twahhil ta' fanali ornamentali fi Triq l-Iljun
- Twahhil ta' arblu fi Triq Sant'Anna sabiex mieghu tittella' l-bandiera tal-lokalita'
- Nefqiet ohra relatati max-xoghol fl-ufficcju amministrattiv

Is-Sindku Nigel Holland irringrazzja lil dawn prezenti tal-attendenza taghhom u tal-interess li wrew u stieden lir-residenti biex jaghmlu l-interventi taghhom billi jressqu xi ilmenti, tifhir jew xi suggerimenti ohra ghal gid tal-lokalita'.

**<u>Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :</u>**

**<u>Sandra Sammut Hili</u>** – irringrazzjat tax-xoghol li jsir mill-Kunsill u saqsiet jekk hemmx budget sabiex isiru l-fanali ornamentali fil-Housing Estate.

*Is-Sindku Nigel Holland qal li l-fanali ornamentali ma kienux dahlu fl-estimi izda qal li l-Kunsill kien dovut €1000 mill-Urban Improvement Fund u ghalhekk kien ser jipproponi sabiex jintuzaw dawn il-fondi biex isiru l-ahhar fanali ornametali.*

**<u>Sandra Sammut Hili</u>** – ghamlet riferenza ghar-rampa ta' Triq Sant'Anna u qalet li din kellha bzonn tinghata l-attenzjoni immedjata minhabba li kien hemm persuna b'dizabbilta' li ma setghetx titla' lejn il-Balzunetta.

*Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li hi kienet tkellmet mal-Gvern Centrali li kienu nformaw li din ir-rampa saret allegatament kontra l-ligi u li ma kinietx taqa' tahthom. Is-Sindku Nigel Holland qal li jinsab sorpriz b'dan minhabba li din ir-rampa kienet saret mill-Gvern Centrali stess u anke minhabba l-fatt li din it-triq kienet taqa' taht ir-responsabbilta' tal-istess Gvern. Ghalhekk is-Sindku wiegeb li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni.*

**<u>Sandra Sammut Hili</u>** – qalet li f'Lascaris Wharf qed ikun hemm problema kbira ta' parking illegali u li lanqas tista' tghaddi mara b'pushchair minn hemm.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li hu kien ta struzzjonijiet lill-haddiema manwali tal-Kunsill sabiex jaghmlu s-sinjali tal-ispazji ta' parkegg u li ser jara x'jista' jsir iktar. Il-Kunsillier Borg wiegeb ukoll li ha nota tal-ilment u li ghandu jibghat lill-gwardjani lokali iktar ta' spiss.*

**<u>Sandra Sammut Hili</u>** – ilmentat dwar il-gwardjani lokali u qalet li dawn kienu qed iharrku bl-addocc fejn sahansitra anke gie mharrek tabib meta kien on duty.

*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li ghandu jressaq dan l-ilment lill-kumpanija tal-gwardjani lokali sabiex dawn in-nuqqasijiet ma jkomplux jirrepetu ruhhom.*

**<u>Giovanni Buttigieg</u>** – irringrazzja lill-kunsillieri tax-xoghol li jaghmlu ta' kuljum u qal li jixtieq jaghmel tliet proposti relatati mal-gonna tal-Floriana:

1. Huwa ppropona li l-Kunsill jiftah il-bieb ta' wara ta' Gnien l-Argotti, dak ta' magenb il-Kurja biex dan il-gnien jibda' jservi ta' passagg.

   *Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li dan il-gnien ma kienx jaqa' taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill izda nforma li ghandu jressaq il-proposta tieghu lil min hu kkoncernat. Il-Vici*

*Sindku Matthew Paris zied jghid ukoll li kien jinsab informat li l-Gvern Centrali kellu xi pjanijiet u li kien ser isir xi progett fi Gnien l-Argotti.*

2. Is-Sur Buttigieg ghamel riferenza ghal binja li hemm fit-tarf ta' Gnien il-Mall u qal li din ghandha valur storiku kbir. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jitlob lill-MEPA sabiex din il-binja tigi skedata. Huwa ppropona wkoll li jinzabru s-sigar li hemm quddiem din il-binja sabiex tkun tista' titgawda iktar.

   *Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan il-gnien ukoll ma kienx jaqa' taht il-Kunsill izda ghandu jressaq il-proposta tieghu lill-entita' kkoncernata. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kienet saret proposta simili ghall-Knisja tal-Metodisti minhabba li anke din kienet qed tigi mghottija bis-sigar li hemm quddiemha.*

3. Is-Sur Buttigieg ghamel riferenza ghall-valur storiku kbir li ghandha l-binja tal-Middlesea, ex Montgomery House. Huwa qal li ma' din il-binja hemm gnien sabih li jaghti fuq Pjazza Papa Gwanni XXIII. Huwa ppropona li l-Kunsill inehhi c-cint li hemm jifred il-gnien mill-pjazza u dan biex il-gnien ikun jista' jitgawda mill-pubbliku.

   *Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li ghandu jressaq din il-materja matul il-laqgha tal-Kunsill sabiex tigi diskussa u eventwalment titressaq proposta lill-Middlesea Insurance sabiex ic-cint jitnehha.*

**<u>Tmiem il-laqgha:</u>**

Il-laqgha ntemmet fit-8.20p.m.

**Nigel Holland**
MATTHEW PARIS
V/ **Sindku**

**Svetlick J. Flores**

**Segretarju Ezekuttiv**